MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 118/2022 LM

**Ajeesh Ravindran (Karta tar-Residenza Maltija numru 0222196A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati;**
**u l-Aġenzija Identity Malta**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Ajeesh Ravindran (Karta tar-Residenza Maltija numru 0222196A)** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tad-19 ta' Settembru, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha ċaħad l-appell tar-rikorrent fil-konfront tal-intimati **Id-Direttur tad-**

**Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati** u **l-Aġenzija Identity Malta** [hawnhekk 'l-appellati'] mid-deċiżjoni ta' Aġenzija Identity Malta [hawnhekk 'l-Aġenzija appellata'] tat-2 ta' Frar, 2022.

## Fatti

2. Fit-2 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrent kien ippreżenta '*Change in Employer Application Form'* mal-Aġenzija Identity Malta taħt is-*Single Permit Procedure,* u dan sabiex ikun jista' jaħdem mas-soċjetà Healthmark Care Services Limited (C 62096). Fit-2 ta' Frar, 2022, l-Aġenzija Identity Malta bagħtet tinforma lir-rikorrent li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi miċħuda għaliex il-pożizzjoni tiegħu bħala immigrant f'Malta ma kinitx waħda li ġiet regolarizzata mill-awtoritajiet, u għalhekk huwa ntalab iħalli Malta u ż-Żona Schengen immedjatament.

## Mertu

3. Permezz ta' ittra mibgħuta lis-Segretarju tal-Bord fid-29 ta' Jannar, 2022[1], ir-rikorrent informa lill-Bord li kien fi ħsiebu jappella mid-deċiżjoni fil-konfront tiegħu.

4. Id-Direttur intimat ippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fejn qal li l-Aġenzija appellata ma setgħetx tirrispondi għar-rikors tal-appell tar-rikorrent għaliex dan naqas milli jelenka l-aggravji li fuqhom kien qiegħed isejjes l-appell tiegħu. Qal li minkejja li r-rikorrent intavola l-appell tiegħu quddiem il-Bord fid-

[1] L-ittra tar-rikorrent fejn wera l-intenzjoni li jappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata għandha d-data tad-29.01.2022, filwaqt li d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata li minnha kellu jsir l-appell għandha d-data tat-02.02.2022!

29 ta' Jannar, 2022, dan m'għamel l-ebda sottomissjonijiet ulterjuri sal-21 ta' Marzu, 2022, u meta saru verifiki mill-Aġenzija Identity Malta dwar jekk kinux saru sottomissjonijiet ulterjuri mir-rikorrent, il-Bord wieġeb fin-negattiv. L-intimati spjegaw li l-Aġenzija Identity Malta ħarġet ittra ta' rifjut fil-konfront tar-rikorrent skont l-artikolu 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li permezz tagħha huwa ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi miċħuda għaliex instab li huwa kien qiegħed f'Malta b'mod illegali. Ġie spjegat li r-rikorrent kellu *single permit* abbażi tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà Caring First Limited, liema permess ħareġ fid-9 ta' Frar, 2021, u dan il-permess kien validu sad-9 ta' Frar, 2022. Ġie spjegat li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat fl-24 ta' Frar, 2021, u għalhekk ir-raġuni li għaliha kien inħareġ is-*single permit* ma kinitx għadha teżisti. L-intimati qalu wkoll li r-rikorrent issottometta applikazzjoni għal *single permit* ġdid fit-2 ta' Novembru, 2021, kif provdut taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u din l-applikazzjoni ġiet intavolata aktar minn tmien xhur wara li l-ewwel impjieg tiegħu kien ġie tterminat. Qalu wkoll li minkejja t-terminazzjoni tal-impjieg tal-individwu, l-Aġenzija Identity Malta tikkonċedi perijodu ta' għaxart ijiem sabiex il-persuna tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha billi ssib impjieg alternattiv u tissottometti applikazzjoni ġdida. Ir-rikorrent naqas milli jippreżenta applikazzjoni ġdida jew *Change of Employer with Termination application* fit-terminu konċess ta' għaxart ijiem, u għalhekk ġie deċiż li dan qiegħed f'Malta b'mod illegali. L-intimati qalu wkoll li minflok ma l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet rifjutata, wara li dan instab li kien qiegħed jikser l-artikolu 8 (1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, l-Aġenzija Identity Malta għamlet verifiki mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, sabiex il-każ tar-rikorrent jiġi vverifikat u tkun tista' tittieħed deċiżjoni finali abbażi tal-fatti. L-intimati qalu li

wara li saru dawn il-verifiki, ġie deċiż li l-irregolarità li qiegħed fiha r-rikorrent ma setgħetx tiġi regolarizzata mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u għalhekk l-appell intavolat mir-rikorrent għandu jitqies li huwa null u mingħajr effett.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Settembru 2022, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***1. Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision, filed on 2nd February, 2022, Identity Malta Agency stated that the appellant's permit to reside in Malta had been refused in view the appellant's immigration position at the time of the submission of the said document resulted in the appellant not legally residing in Malta.*

*Saw the letter of appeal dated 29th January, 2022;*

*Saw the appeal registered on 29th January, 2022; and*

*Saw the reply by Identity Malta Agency, filed on 23rd March, 2022.*

*The Board notes that the date of the letter of Appeal actually precedes the date of refusal! Therefore, it is also in doubt as to whether the appeal was filed according to law.*

***Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principles which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of appeal* ***Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties*

*must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*In his letter of appeal and through legal counsel, the appellant stated that he had submitted all relevant documentation to apply for his change of employment and that 'through this correspondence', the appellant is indicating his intention to appeal this decision.*

*In its reply filed on 23rd March, 2022, Identity Malta Agency stated that:*

- *It fails to understand how it is being expected to reply to the appellant's appeal when the appellant failed to lodge a proper letter of appeal, listing the grounds for appeal;*
- *ID Malta Agency issued a refusal letter, addressed to the applicant Mr. Ajeesh Ravindran, informing him that his application was being refused in view that he was not legally staying in Malta;*
- *ID Malta Agency had granted the appellant a single permit on the basis of his employment with Caring First Limited on 9th February, 2021, valid until the 9th of February, 2022, but that his employment was however terminated on 24th February, 2021, as exhibited by the JobsPlus Employment History, hence rendering the scope for which the single permit had been granted as non-existent;*
- *In fact, the appellant submitted his application for a new single permit on 2nd November, 2021, more than eight months after his new employment had been terminated;*
- *The appellant failed to submit a new application or a Change of Employer with Termination Application with the 10-day grace period, and as a result the appellant no longer enjoyed legal status in Malta;*
- *ID Malta brought the case forward before the Principal Immigration Officer, but Mr. Ravindran's irregularity was not regularised as can be confirmed by the Principal Immigration Officer's representative once summoned to testify during these proceedings.*

*The Board observed that the only documents found in this file are:*

- *The Agency's refusal decision;*
- *The registered receipt of the appeal;*
- *Emailed correspondence;*
- *A short letter of appeal; and*
- *A copy of the appellant's JobsPlus Employment History document.*

*The Board also observes that the appellant has not presented a formal letter of appeal, but merely stated that his brief letter was an indication that he intended to appeal. Following this letter, the appellant did not present his formal letter of appeal, and hence no grounds for appeal were brought forward, nor any documentation or evidence in support of his statement of change of employment.*

***2. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board rejects the appeal."*

## L-Appell

6. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell intavolat fid-29 ta' Settembru, 2022, fejn talab li l-appell tiegħu jiġi milqugħ; li din il-Qorti tirrimanda l-atti lura lill-Bord sabiex wara li dan jisma' lill-partijiet u x-xhieda neċessarji, jagħti deċiżjoni dwar il-mertu; kif ukoll talab li l-appellati jiġu ordnati sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

7. L-appellant spjega li l-Bord, mingħajr ebda konsiderazzjoni għaċ-ċirkostanzi tiegħu, ċaħad l-appell imressaq minnu abbażi tal-fatt li l-appellant ma ppreżentax l-ittra formali ta' appell tiegħu, u għalhekk ma tressqux ir-raġunijiet tal-appell, u lanqas id-dokumentazzjoni jew l-evidenza in sostenn tad-dikjarazzjoni tiegħu ta' bidla fl-impjieg, u għahekk jirriżulta li l-Bord straħ fuq is-sottomissjonijiet tal-Aġenzija, u kkonferma d-deċiżjoni tagħha. L-appellant qal li dan seħħ għaliex il-Bord naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb u korrett tal-fatti u naqas milli jagħti konsiderazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellant.

8. L-appellant qal li ladarba jirriżulta li l-Bord straħ biss fuq dak li qalet l-Aġenzija appellata, ikun utli li ssir analiżi tar-raġunijiet iċċitati mill-Aġenzija appellata sabiex tiġġustifika d-deċiżjoni ta' rifjut tagħha. Qal li l-Aġenzija appellata ċaħdet l-applikazzjoni tiegħu abbażi tar-Regolament 8(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li jistipula li ċittadin ta' pajjiż terz jista' jissottometti applikazzjoni mit-territorju ta' pajjiż terz, mit-territorju Malti, jew minn dak l-Istat Membru li jkun jinsab fih legalment. Qal li dawn il-kundizzjonijiet mhumiex eżawrjenti imma huma biss indikattivi, u persuna titqies li hija eliġibbli sabiex tapplika għall-karta ta' residenza hawn Malta, jekk tapplika minn territorju ta' pajjiż terz, mit-territorju Malti, jew minn dak l-Istat Membru li fih tkun qegħda legalment. L-appellant qal li huwa ssottometta l-applikazzjoni tiegħu mit-territorju Malti, u għalhekk ma jistax jifhem ir-rilevanza tar-regolament iċċitat mill-appellati u d-deċiżjoni li ttieħdet kontrih. Qal li l-Aġenzija appellata allegat li l-appellant kien illegalment hawn Malta meta ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu, iżda xorta waħda din ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar kif waslet għal din il-konklużjoni. L-appellant qal li sabiex huwa jkun f'pożizzjoni li jikkontesta d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata, huwa kellu jkun infurmat bil-motivazzjonijiet wara l-preżunta illegalità sabiex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu, u huwa kien jistenna li din l-allegazzjoni tiġi investigata mill-Bord. Qal li r-regolament iċċitat mill-Aġenzija appellata ma jimponi l-ebda kundizzjoni li l-applikant għandu jkun legalment hawn Malta, iżda jgħid biss li l-applikant jista' japplika 'mit-territorju ta' Malta'.

9. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li minkejja li l-appellant ma ngħata l-ebda indikazzjoni li saru xi nuqqasijiet min-naħa tiegħu, huwa kien kostrett li jippreżenta appell quddiem il-Bord sabiex tinġieb għall-attenzjoni tiegħu

kwalunkwe prova li tista' tqegħdu f'pożizzjoni li jirregolarizza ruħhu, jekk inhu l-każ, kif ukoll billi jiddefendi lilu nnifsu quddiem il-Bord kif għandu kull dritt li jagħmel. L-appellant qal li din il-Qorti għandha tikkonsidra l-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ b'mod ħolistiku, għaliex l-appellant ma setax jifhem għal liema raġuni l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda, u għalhekk kien impossibbli għalih li jressaq dokumentazzjoni quddiem il-Bord. Qal li l-Bord naqas milli jirrispetta d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq, partikolarment billi naqas milli japplika l-prinċipju tal-*audi alteram partem* u jisma' l-appellant x'kellu xi jgħid. L-appellant qal li anki jekk il-Bord ma jagħmilx seduta sabiex jisma' l-partijiet x'għandhom x'jgħidu, fil-każ tiegħu la hu u lanqas l-avukat difensur tiegħu ma rċevew xi komunikazzjoni jew korrispondenza sabiex jidhru quddiem il-Bord u jippreżentaw il-provi tagħhom, jew sabiex jagħmlu sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub. L-appellant qal li l-Bord għandu jiżgura ruħhu li d-deċiżjoni tittieħed b'mod ġust billi huwa jkun f'qagħda li jeżamina kull punt ta' natura fattwali u legali rilevanti għall-każ li jkollu quddiemu, u f'każ ta' inċertezza jew ta' nuqqas ta' informazzjoni, il-Bord għandu jieħu l-passi meħtieġa sabiex id-deċiżjoni li jieħu tkun waħda informata u konklussiva. L-appellant qal li fil-każ odjern huwa ferm dubjuż kif il-Bord kien konvint biżżejjed u straħ biss fuq dak li ssottomettiet l-Aġenzija appellata mingħajr ma talab ebda kjarifika jew korroborazzjoni tal-fatti qabel ittieħdet id-deċiżjoni tiegħu. L-appellant qal ukoll li filwaqt li l-Bord kien obbligat li jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex id-deċiżjoni mogħtija tkun waħda sostanzjata, huwa għadda sabiex jiddetermina l-appell minkejja li ma kellux biżżejjed informazzjoni. Qal ukoll li jkun hemm drabi meta persuna tippreżenta appell quddiem il-Bord mingħajr assistenza legali, u wieħed għandu jqis li l-appellant, bħal bosta applikanti minn pajjiżi terzi, jista'

jkun li jkollu diffikultajiet bil-lingwa Ingliża, u għalhekk jista' jkun li jkun hemm diffikultajiet biex is-sottomissjonijiet jiġu ppreżentati flimkien mal-appell. L-appellant qal li huwa għalhekk li l-Bord għandu jagħmel l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex kull persuna tingħata l-opportunità li tressaq l-argumenti tagħha anki permezz ta' interpreti u professjonisti legali, u li kieku huwa ngħata din l-opportunità, dan kien ikollu impatt sinifikanti fuq l-eżitu tal-appell.

10. It-tielet aggravju tal-appellant huwa li l-Bord naqas milli jagħti importanza lill-integrità tal-proċedura tal-appell, u r-raġuni mogħtija mill-Bord għar-rifjut tal-appell hija li l-appellant ma ppreżentax l-ittra formali tal-appell tiegħu u għalhekk ma tressqu l-ebda raġunijiet tal-appell, u lanqas id-dokumentazzjoni jew evidenza in sostenn tad-dikjarazzjoni tiegħu tal-bidla fl-impjieg. Qal li meta wieħed jikkonsidra ċ-ċirkostanzi tal-każ, kien impossibbli għalih li jressaq tali prova mingħajr ma ġie informat x'kienu n-nuqqasijiet min-naħa tiegħu. Qal li peress li l-proċeduri quddiem il-Bord jiġu stabbiliti mill-istess Bord, u mhux neċessarjament isegwu d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili, ikun jispetta lill-Aġenzija appellata li tiġġustifika d-deċiżjoni kkontestata u ġġib prova tal-preżunta illegalità tal-appellant, qabel ma l-appellant jipprova li l-Aġenzija appellata hija żbaljata. L-appellant qal li l-Bord naqas milli jagħmel apprezzament xieraq u ġust taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u tal-fatt li kien impossibbli għalih li jiddefendi ruħhu fuq il-mertu tal-każ mingħajr għarfien ta' kif l-Aġenzija appellata waslet għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu, b'tali mod li huwa ġie ppreġudikat fid-dritt tiegħu tal-appell. L-appellant qal wkoll li biex persuna verament titħalla teżawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli għaliha, id-deċiżjonijiet mogħtija jridu jkunu

mmotivati u spjegati, imma l-Aġenzija appellata ma ressqet l-ebda prova sabiex tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha. L-appellant saħaq li l-għan tal-proċedura tal-appell huwa li persuna tingħata l-opportunità tiddefendi ruħha quddiem awtorità indipendenti u imparzjali, u dan jista' jsir biss meta persuna tkun infurmata bir-reqqa dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet kontrieha. Qal li kieku huwa kien infurmat bir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu, kien ikun f'qagħda li jippreżenta kwalunkwe dokumentazzjoni u provi rilevanti sabiex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu.

## Ir-Risposta tal-Appell

11. L-appellati fir-risposta tagħhom qalu li d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord hija ġusta u timmerita konferma. L-appellati spjegaw li l-appellant ippreżenta applikazzjoni mal-Aġenzija appellata għal '*change of employer'*, liema applikazzjoni ġiet rifjutata mill-Aġenzija appellata permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' Frar 2022, bir-raġuni mogħtija lill-appellant tkun li meta huwa ippreżenta din l-applikazzjoni, huwa ma kienx jinsab legalment f'Malta *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Liġi Sussidjarja 217.17. Qalu wkoll li meta l-appellant ressaq l-appell tiegħu quddiem il-Bord, dan kien jikkonsisti biss f'intenzjoni ta' appell mingħajr ebda dettall jew aggravji sabiex jissostanzja l-appell tiegħu. L-Aġenzija appellata żiedet tgħid li hija spjegat il-fatti tal-każ kif magħrufa lilha, li wasslu għar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellant, minkejja li l-appellant ma ressaq l-ebda aggravji quddiem il-Bord.

12. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li huwa ċar li bl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jistieden lil din il-Qorti terġa'

tagħmel eżami tal-fatti u tal-mertu tal-appell quddiem il-Bord, meta dan l-eżerċizzju diġà sar quddiem il-Bord. Qalu wkoll li bħal ma l-appellant f'dan l-istadju sab raġunijiet abbażi ta' liema jsejjes l-aggravji tiegħu, dan seta' sar quddiem il-Bord. L-appellati qalu li f'dan l-istadju jrid jiġi rilevat li appelli mid-deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi *ai termini* tal-artikolu 25(8) tal-Kap. 217, u din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel istanza. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-appellati spjegaw li huma qatt ma setgħu jilqgħu l-applikazzjoni tal-appellant *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, liema liġi ttrasponiet id-Direttiva 2011/98/EU dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, liema Direttiva fl-Artikolu 4(1) tagħha tipprovdi wkoll li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fl-Istat Membru sabiex jintavola applikazzjoni. Qalu li peress li jirriżulta li l-applikazzjoni ġiet intavolata minn ċittadin terz li jinsab hawn Malta illegalment, u peress li la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea 2011/98/UE ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, l-appellati kienu korretti meta m'aċċettawx l-applikazzjoni tal-appellant. Żiedu jgħidu li l-Aġenzija appellata m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni irregolari ta' applikant, iżda fil-każ odjern, bil-ħsieb li tassisti lill-applikant jintavola applikazzjoni ġdida b'mod legali, saret komunikazzjoni mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u l-każ tal-appellant tressaq quddiemu. Imma l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma rregolarizzax il-pożizzjoni tal-appellant.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li dan ukoll qiegħed jistieden lil din il-Qorti tikkonsidra l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u dan meta l-appell kellu jsir biss fuq punti ta' liġi. Qalu li l-appellant ressaq appell xott quddiem il-Bord, fejn lanqas biss indika l-aggravji li fuqhom kien qiegħed isejjes l-appell tiegħu. Żiedu jgħidu li l-Bord, minflok iddikjara l-appell tal-appellant null, tah l-opportunità li jagħmel sottomissjonijiet fi żmien ħmistax-il jum, iżda minkejja dan l-appellant baqa' ma ressaq l-ebda sottomissjoni, la fit-tliet ijiem imposti mil-liġi sabiex wieħed jintavola appell, u lanqas fil-ħmistax-il jum mogħtija mill-Bord, jew sad-deċiżjoni li ngħatat diversi xhur wara. Qalu li huwa dmir ta' min iressaq l-appell li jsostni l-appell tiegħu b'aggravji u talbiet, u b'dokumentazzjoni, provi u sottomissjonijiet, kemm sabiex l-appell ikun validu skont il-proċedura, kif ukoll sabiex il-parti l-oħra titpoġġa f'sitwazzjoni li tkun tista' tagħmel difiża, u sabiex il-Bord jifhem x'inhi l-lanjanza u jkun jista' jagħti d-deċiżjoni tiegħu. L-appellati saħqu li kien l-appellant li kien żbaljat, u min jallega jrid jipprova, u għalhekk kien l-appellant li kellu jressaq l-aggravju, u mhux 'jiddefendi lilu nnifsu' ladarba l-appell huwa tiegħu. Qalu wkoll li l-appellati bir-raġun saħqu li bl-appell xott intavolat mill-appellant, huma tqegħdu f'pożizzjoni żvantaġġata fejn ma setgħux iwieġbu għall-appell b'difiża għall-aggravji u l-allegazzjonijiet hemm imqajma, kif inhu dritt tagħhom. Qalu li ladarba l-appellant ma ressaq ebda aggravju, dokumentazzjoni jew sottomissjoni in sostenn tal-appell tiegħu, ma kienx jinkombi la fuq l-Aġenzija appellata u lanqas fuq il-Bord li jagħmlulu xogħlu. B'riferiment għall-argument tal-appellant li peress li huwa ma jifhimx bl-Ingliż, huwa ma setax iressaq sottomissjonijiet quddiem il-Bord, l-appellati qalu li dan kellu kull opportunità li jintavola rikors quddiem il-Bord fejn jitlob li jingħata

interpretu tal-għażla tiegħu. Komplew jgħidu li kieku r-rifjut ħareġ bil-lingwa Maltija biss u mhux bl-Ingliż ukoll, kien ikollu raġun l-appellant, iżda għandu jirriżulta li mhux biss l-ittra lill-appellant intbagħtet bl-Ingliż, imma wkoll li meta rċieva l-ittra ta' rifjut, huwa kien diġà ingaġġa avukat difensur tal-għażla tiegħu li ffirma l-appell f'ismu.

14. Dwar it-tielet aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li dan ukoll huwa aggravju li kellu jitressaq quddiem il-Bord. Qalu li l-appellant seta' ressaq aggravju quddiem il-Bord unikament fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata, u kull ma kellu jagħmel l-appellant kien li jfiehem dan l-aggravju tiegħu, u jagħti ċans lill-Aġenzija appellata tiddefendi ruħha dwaru. Qalu li l-appellant dan m'għamlux u minflok qiegħed jagħmel hekk f'dan l-istadju, meta l-Qorti ma tistax tagħmel eżami mill-ġdid tal-fatti. L-appellati qalu li d-deċiżjoni tat-2 ta' Frar, 2022 hija ben motivata, u l-ittra ta' rifjut tagħmel riferiment għar-Regolament 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, fejn ġie spjegat ukoll li l-appellant ma kienx qiegħed jirrisjedi f'Malta legalment, kif jidher mid-dokumenti annessi mal-applikazzjoni tiegħu. L-appellati qalu li għalhekk id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata ma kinitx tgħid biss li l-applikazzjoni tal-appellant kienet qegħda tiġi rifjutata u waqfet hemm, għaliex l-appellant ingħata r-raġuni wara d-deċiżjoni b'mod li jifhimha, tant hu hekk li dan appella minnha. Qalu li għalhekk fil-fehma tagħhom lanqas dan l-aggravju m'għandu jintlaqa'.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Il-Qorti sejra tibda billi tirrileva li waqt it-trattazzjoni li saret quddiemha, saru ċerti stqarrijiet mill-avukat difensur tal-appellant li nstemgħu għall-ewwel

darba quddiem din il-Qorti, u li ma tressqu fl-ebda stadju ieħor ta' dawn il-proċeduri. L-avukat difensur tal-appellant qalet li kien l-*employer* prospettiv tal-applikant li ressaq l-applikazzjoni f'isem l-appellant lill-Aġenzija appellata, u li ssottometta d-dokumentazzjoni u d-dettalji kollha meħtieġa fuq is-sistema *online* li titħaddem mill-Aġenzija appellata. Fl-ebda waqt ta' dawn il-proċeduri ma ġiet ippreżentata xi prova jew forma ta' dokumentazzjoni li tindika dan. Fl-ittra ta' rifjut li ntbagħtet lill-appellant mill-Aġenzija appellata, huwa ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi rifjutata għaliex instab li l-applikazzjoni tiegħu tressqet bi ksur tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-appellati ħadu l-pożizzjoni li ladarba l-appellant ma rregolarizzax il-pożizzjoni tiegħu fi żmien l-għaxart ijiem konċessi minnhom, u ttenta jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu permezz ta' applikazzjoni li tressqet minnu tmien xhur wara li huwa kien spiċċa mingħajr impjieg, l-applikazzjoni tal-appellant saret meta huwa kien qiegħed f'Malta illegalment, u għalhekk l-applikazzjoni tiegħu ma kellhiex tiġi aċċettata. Il-Qorti titlaq mill-premessa li filwaqt li kien hemm diversi drabi meta rrimarkat dwar dan it-terminu qasir ferm ta' għaxart ijiem konċessi lill-applikanti sabiex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom, partikolarment meta jirriżulta li dan it-terminu ta' għaxart ijiem huwa ffissat b'mod arbitrarju u ma joħroġx mil-liġi, il-fatti f'dan il-każ huma kemmxejn differenti minn każijiet oħra, mhux l-inqas għaliex hemm nuqqas kbir ta' provi u dettalji li l-appellant kien mistenni li jippreżenta, partikolarment quddiem il-Bord, in vista tal-aggravji li issa qegħdin jitressqu minnu.

*L-ewwel aggravju:* *[il-Bord straħ fuq l-allegazzjonijiet tal-appellati, wara li qies li ma saret l-ebda ittra formali tal-appell]*

16. L-appellant qal li minkejja li l-appellati ċċitaw ir-Regolament 8(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 in sostenn tar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu, l-appellati ma spjegawx għal liema raġuni dan ir-Regolament huwa rilevanti għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Qal li huwa ressaq l-applikazzjoni tiegħu waqt li kien diġà f'Malta, tant hu hekk li jirriżulta li l-applikant ilu jgħix f'Malta u perjodikament ħadem hawnhekk mill-2019, u għalhekk kien konformi mal-liġi meta ressaq l-applikazzjoni tiegħu. Żied jgħid li minkejja li l-appellati qalu li huwa kien fi stat ta' illegalità meta ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu, dawn naqsu milli jgħidu għal liema raġuni waslu għal din id-deċiżjoni, u għalhekk il-konklużjoni tal-Bord kellha tkun li d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata hija nulla u mingħajr effett.

17. Il-Qorti tqis li r-raġuni mogħtija mill-Aġenzija appellata, li hemm ksur tar-Regolament 8(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 da parti tal-appellant, hija bbażata fuq il-konsiderazzjoni li l-applikant ma kienx jinsab legalment fit-territorju Malti meta ressaq l-applikazzjoni tiegħu. Fil-fatt jirriżulta li l-permess li kellu l-applikant sabiex jibqa' f'Malta ġie fi tmiemu fl-24 ta' Frar, 2021, meta hu spiċċa mingħajr impjieg, u kien biss f'Novembru tal-2021, tmien xhur wara, li dan ressaq applikazzjoni ġdida għall-konsiderazzjoni tal-appellati. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, ingħad li l-appellant ma kienx edott mill-istadju li waslet fih l-applikazzjoni tiegħu, għaliex l-inkartament, id-dokumentazzjoni kollha u l-proċess tal-applikazzjoni li saret f'Novembru 2021, tħalliet interament f'idejn l-*employer* prospettiv tiegħu, u huwa baqa' ma ġiex mgħarraf bl-istadju li waslet fih din l-applikazzjoni jew x'kien l-eżitu tagħha. Fil-fatt l-eżitu ta' din l-applikazzjoni kien li din ġiet rifjutata mill-appellati. Il-Qorti tirrileva li l-appellant ressaq dan l-aggravju għall-ewwel darba quddiem din il-

Qorti, meta kieku ried seta' jġib din l-informazzjoni a konjizzjoni tal-Bord. Di più, ma nġabet l-ebda prova li fil-fatt saret applikazzjoni f'isem l-appellant minn xi *employer* prospettiv, min huwa dan l-*employer,* u b'liema mod l-appellant kien qiegħed jipprova jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu hawn Malta fix-xhur kollha li huwa dam ifittex impjieg, jekk dan kien il-każ. Din il-Qorti tirrileva li semgħet wisq skużi fiergħa, fosthom l-inabilità tal-appellant li jitkellem bl-Ingliż jew il-fatt li dan ma kienx infurmat li seta' jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Bord, meta l-provi jindikaw mod ieħor, biex tista' tagħti kredibbilità lil dak li qiegħed jgħid l-appellant b'dan l-aggravju tiegħu. In vista tan-nuqqas ta' provi fil-proċess, liema provi l-Qorti tirrileva li kellhom jinġabu quddiem il-Bord, dwar b'liema mod l-appellant ipprova jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu fil-perijodu li fih huwa kellu l-impjieg tiegħu tterminat, sakemm ressaq applikazzjoni ġdida tmien xhur wara, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, partikolarment għaliex jirriżulta li l-Bord ma kellu l-ebda prova fuq xiex jibbaża d-deċiżjoni tiegħu, għajr għal dak li ġie sottomess mill-appellati.

*It-tieni aggravju:* *[l-appellant kien kostrett jintavola appell quddiem il-Bord]*

18. L-appellant qal li huwa kien kostrett jintavola appell quddiem il-Bord sabiex jitqiegħed f'pożizzjoni li jiġi mgħarraf b'liema mod seta' jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, u żied jgħid li din il-Qorti għandha tikkonsidra l-fatti tal-każ b'mod ħolistiku, għaliex huwa ma kellu l-ebda mod kif jifhem għal liema raġuni l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda. L-appellant allega wkoll li la hu u lanqas l-avukat difensur tiegħu ma ġew mgħarrfa li setgħu jressqu l-provi tagħhom quddiem il-Bord, jew li setgħu jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub.

19. Huwa hawnhekk fejn il-Qorti ssib għadd ta' ineżattezzi f'dak li qiegħed jgħid l-appellant. Fl-ewwel lok jirriżulta li fid-29 ta' Jannar, 2021 l-appellant bagħat ittra fejn esprima l-intenzjoni tiegħu li jappella mid-deċiżjoni tal-appellati, jiġifieri ftit jiem qabel l-ittra tat-2 ta' Frar, 2021 li permezz tagħha huwa ġie mgħarraf bir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu. Id-data tat-2 ta' Frar, 2021, mhijiex id-data tan-notifika tal-ittra, iżda d-data ta' meta nkitbet l-ittra, u għalhekk huwa minn ewl id-dinja li jiġi preżunt li f'ċirkostanzi normali l-appellant kien jiġi notikat b'din id-deċiżjoni xi ġranet wara. Jirriżulta li l-appellant kien diġà assistit minn avukat għaliex l-ittra tad-29 ta' Jannar, 2021 ntbagħtet minn uffiċċju legali, qabel ma huwa ġie mgħarraf uffiċjalment bid-deċiżjoni ta' rifjut tal-appellati. Kif jista' l-appellant jitwemmen meta jiġi quddiem din il-Qorti u jallega li huwa ma kienx mgħarraf bid-drittijiet tiegħu, qal li għandu problemi biex jifhem il-lingwa, u b'mod skonvolt għall-aħħar qal li ma kienx jaf li seta' jressaq sottomissjonijiet bil-miktub, meta l-*acknowledgment* li ngħata mill-Bord dakinhar stess tad-29 ta' Jannar, 2021, jiġifieri qabel ġiet ippubblikata l-ittra ta' rifjut, kienet tgħid espliċitament:

> "*Please be informed that within fifteen (15) days from the filing of this appeal, you are to provide any relevant and/or supporting documentation. All evidence must be provided in document form.*"

20. L-*acknowledgment* li ngħata lill-appellant għalhekk kien jgħid bl-aktar mod ċar x'kellu jagħmel biex isostni l-intenzjoni tiegħu li jappella mid-deċiżjoni tal-appellati, mingħajr ma kien jaf din id-deċiżjoni x'kienet ser tkun. Mhux minnu għalhekk li xi ħadd mill-appellati jew mill-Bord naqas milli jinforma lill-appellant bil-jeddijiet tiegħu, iżda jirriżulta bl-aktar mod ampju li kien l-

appellant li kien negliġenti u li naqas milli jottempera ruħhu ma' dak mitlub minnu mill-Bord. Dan għandu sinifikat partikolari meta wieħed iqis li l-appellant kien iggwidat minn avukat minn qabel ma rċieva l-ittra ta' rifjut. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[Il-Bord naqas milli jagħti importanza lill-integrità tal-proċeduri tal-appell]*

21. L-appellant isostni li huwa ma setax jippreżenta l-ittra formali tal-appell tiegħu u l-aggravji tiegħu quddiem il-Bord, għaliex huwa ma kienx jaf x'nuqqasijiet ġew ikkonstatati mill-appellati fil-konfront tiegħu. Spjega li huwa ma setax jottempera ruħhu ma' din l-aspettattiva ladarba huwa ma kienx jaf għal liema raġuni ttieħdet id-deċiżjoni li t-talbiet tiegħu jiġu rifjutati, u dan għaliex huwa ma ngħata l-ebda raġuni motivata u spjegata għad-deċiżjoni li ttieħdet mill-appellati.

22. Hawnhekk ukoll il-provi li jirriżultaw juru l-kontra ta' dak li qiegħed jallega l-appellant. L-ittra ta' rifjut mibgħuta lill-appellant wara li dan kien diġà wera l-intenzjoni li jappella minnha, tgħid bl-aktar mod ċar għal liema raġuni l-applikazzjoni tal-appellant ġiet rifjutata, ċjoé li l-appellant instab li qiegħed Malta illegalment. Quddiem sitwazzjoni bħal din, fejn jirriżulta li persuna tkun assistita minn uffiċċju legali, ir-raġuni titlob li applikant li jkun għamel dak kollu li seta' sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, li huwa jippreżenta kull prova, kull dokument, kull applikazzjoni, anki dawk li ġew rifjutati, sabiex juri li wara li tilef l-impjieg li kellu, u konsegwentement il-permess uniku li kien inħariġlu,

huwa għamel dak kollu li seta' sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. Minn dan kollu ma sar xejn. Kien biss waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti li ntqal li l-applikazzjoni f'isem l-appellant saret mill-*employer* prospettiv tiegħu, u li huwa ma kellu l-ebda kontroll fuq dak li ġie sottomess lill-awtoritajiet. Imma lanqas prova ta' dan ma nġabet, u huwa għalhekk li l-Qorti qegħda tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**